MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2005

Appell Kriminali Numru. 251/2004

**Il-Pulizija**

**kontra**

**Duncan Sciberras**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Duncan Sciberras talli f'dawn il-Gzejjer nhar il-10 ta' Frar, 2004, u l-erba' xhur ta' qabel go l-Imsida u fi bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti:

a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew

minn xi awtorita` moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li

jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza;

e) ukoll talli ikkommtta dawn ir-reati f’post, fi jew gewwa distanza ta’ mitt (100) metru mill-perimetru ta' skola, club, jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh, jew ir-reat ikun jikkonsisti fil-bejgh tal-provvista fl-amministrazzjoni jew f’li offra li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti lil minuri jew lil persuna li tkun qed issegwi programm ta’ kura jew ta’ rijabilitazzjoni mid-dipendenza mid-droga;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta’ Novembru 2004 li permezz taghha dik il-Qorti fuq l-ammissjoni ta' l-appellat (allura imputat) sabet lill-imsemmi Duncan Sciberras hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghall-hlas ta’ *ammenda* ta' hamsa w ghoxrin liri Maltin (Lm25);

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fid-19 ta’ Novembru 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma is-sentenza appellata billi tikkonferma is-sejbien ta’ htija u minflok il-piena nflitta tigi imposta piena adegwata skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan l-appell jirrigwarda l-piena. L-appellant isostni li l-ewwel Qorti applikat il-piena skorretta oltre li ma kinitx dik li kienet tixraq ghall-kaz. Huwa jispjega l-aggravji tieghu hekk:

"(1) L-ewwel Qorti kienet skorretta fil-komputazzjoni tal-piena ghax jekk tiehu l-minimu ta' sitt xhur ghat-traffikar, bl-aggravju ta' l-artikolu 22(1) tal-Kap. 101, dan jitla' ghal seba' xhur skond l-artikolu 31(b) tal-Kodici Kriminali, u jekk tinzel b'zewg gradi skond l-artikolu 29 tal-Kap. 101 dan isir hames xhur, u mbaghad jekk tinzel bi grad iehor skond l-artikolu 37 tal-Kap. 101 dan jigi xahrejn prigunerija. (2) Illi tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz li jirrigwarda traffikar ta' droga b'retroxena ta' mewt ta' persuna b'overdose l-piena li kienet tixraq kellha tkun ta' prigunerija fit-tul u mhux semplici ammenda."

Il-komputazzjoni li trid issir jekk il-piena tigi bazata fuq il-*minimum* u bil-beneficcji kollha permessi mil-ligi bhalma l-ewwel Qorti spjegat li c-cirkostanzi jimmeritaw, hija s-segwenti: Il-piena minima ghar-reat ta' traffikar ta' droga hija ta' sitt xhur prigunerija. Bl-aggravju ta' l-artikolu 22(1) tal-Kap. 101 din il-piena titla' ghal minimu ta' seba' xhur[1]. Bi tnaqqis ta' zewg gradi skond l-artikolu 29 tal-Kap. 101, il-piena minima ta' seba' xhur prigunerija tinzel ghall-piena minima ta' xahrejn[2]. Bi tnaqqis ta' grad skond l-artikolu 37 tal-Kap. 9, din il-piena tinzel ghall-piena ta' prigunerija minima ta' xahar[3] filwaqt illi bi tnaqqis ta' zewg gradi skond l-istess artikolu 37, il-piena tinzel ghal prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn ghoxrin gurnata, jew ghad-detenzjoni jew ghall-ammenda[4]. Ghalkemm fis-sentenza appellata ma jirrizultax li l-ewwel Qorti ghamlet din il-komputazzjoni u naqset biss grad a bazi ta' l-artikolu 37 tal-Kap. 9, hija waslet ghall-konkluzjoni li l-piena applikabbli kellha tkun wahda minn dawk provduti fl-artikolu 31(1)(c) tal-Kap. 9. Mill-banda l-ohra, bil-komputazzjoni maghmula mill-Avukat Generali, huwa gie li ma naqqas xejn a bazi ta' l-artikolu 37 tal-Kap. 9.

---

1 Artikolu 31(1)(b)(xii)(xi) tal-Kodici Kriminali.
2 Artikolu 31(1)(b)(xi)(xii)(xiii) tal-Kodici Kriminali.
3 Artikolu 31(1)(b)(xiii)(xiv) tal-Kodici Kriminali.
4 Artikolu 31(1)(b)(xiii)(xiv)(c) tal-Kodici Kriminali.

M'hemm l-ebda dubju li r-reat ta' traffikar ta' droga huwa reat serju hafna u kull min iwettaq tali reat ghandu jirrispondi ta' ghemilu. Mill-banda l-ohra kull kaz ghandu l-fattispecje partikolari tieghu u m'hemm l-ebda dubju li l-ewwel Qorti ghamlet kull ma setghet sabiex tghin lill-appellat johrog mill-hakma tal-vizzju mishut tad-droga. Difatti hija qalet li kienet tal-fehma li "ghandha taghti cans lill-imputat sabiex jirreintegra ruhu tajjeb fis-socjeta` li wara kollox hu wkoll jaghmel parti minnha u dan ghaliex temmen li l-isforz tieghu huwa wiehed genwin". Kien ghalhekk li hija waslet biex applikat il-piena ta' l-*ammenda* u dan peress li huwa prekluz mil-ligi stess li f'kaz ta' htija dwar ir-reat ta' traffikar tintuza, *inter alia*, is-sistema tal-*probation* li certament kienet tkun l-aktar sistema idoneja ghall-kaz odjern. L-appellant, konxju mill-gravita` tar-reat ta' traffikar jinsisti li ghandu jkun hemm piena ta' prigunerija fit-tul anke minhabba li jghid li hemm retroxena ta' mewt ta' persuna b'overdose. Minn imkien ma jirrizulta pero` li l-appellat kien b'xi mod involut fil-mewt ta' din il-persuna. Ghall-kuntrarju l-ewwel Qorti kienet tal-fehma, u jidher li anke l-Avukat Generali jaqbel ma' dan, li l-appellat kellu sahansitra jibbenefika mit-tnaqqis kollu previst mill-artikolu 29 tal-Kap. 101. Madanakollu din il-Qorti jidhrilha li l-gravita` tar-reat ta' traffikar ma jistax jigi rispekkjat billi tigi imposta piena ta' *ammenda* u ghandha tigi imposta piena ta' prigunerija sabiex l-appellat, u kull min hu fil-posizzjoni tieghu, jirrejalizza l-konsegwenzi li jgibu ghemil tant irresponsabbli li jista' wkoll iwassal ghall-mewt ta' min ikun qed jabbuza mid-droga. Fil-fatt din il-Qorti hi tal-fehma li, filwaqt li sejra tikkonferma t-tnaqqis ta' zewg gradi a tenur ta' l-artikolu 29 tal-Kap. 101, ghandha tnaqqas grad wiehed biss a tenur ta' l-artikolu 37 tal-Kap. 9.

Kull kaz naturalment, u kif diga` ntqal, ghandu l-fattispecje tieghu u f'dan il-kaz jirrizulta li l-appellat qieghed fi programm ta' rijabilitazzjoni tal-CARITAS minhabba l-problema tieghu ta' abbuz tad-droga u mix-xiehda ta' rapprezentanti tal-CARITAS jidher li ghamel progress sostanzjali u bhalissa qieghed fil-fazi semi-residenzjali. L-appellat ghad ghandu sbatax-il sena u fi zmien ir-reati li dwarhom instab hati kellu biss sittax-il sena. Ghalhekk din

il-Qorti sejra taghti l-provvediment infraskritt - u dan kemm fl-interess ta' l-appellat kif ukoll fl-interss tas-socjeta` li fiha l-appellat irid jirritorna - sabiex jigi assigurat li x-xoghol kollu ta' fejda li sar mieghu ma jtirx mar-rih.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellat hati tar-reati dedotti izda tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghall-hlas ta' *ammenda* ta' hamsa u ghoxrin liri Maltin (Lm25) minflok tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta' xahar b'dan illi, ghar-ragunijiet suesposti, ghandu jservi t-terminu hawn moghti fil-programm residenzjali mmexxi mill-CARITAS.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------